## *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## *Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju, 2002*

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1408/02 EG**

**Edward Cauchi**

**vs**

**Karl Cachia**

### It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tminn mitt lira Maltin (Lm800) rappresentanti l-valur ta' skadenza wahda ta' kera li ghalqet u saret dovuta mill-konvenut lill-attur fl-1 ta' Marzu 2002, liema kera tkopri il-perijodu ta' lokazzjoni bejn l-1 ta' Marzu 2002 u t-28 ta' Frar 2003 u dana ghall-fond garage, "San Luqa", Alley 5, Main Street, Mosta u dana skond skrittura ta' lokazzjoni esebita u mmarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut u bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta' Marzu

2002 .

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur Edward Cauchi, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit u cioe’ l-iskrittura ta’ lokazzjoni annessa ma’ l-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dokument A minn fejn jirrizulta illi l-kera ghandha tithallas kull sena bil-quddiem.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tminn mitt lira Maltin (Lm800) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-8 ta’ Marzu 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**